

IL-QORTI ĠENERALI

Sentenza tal-Qorti Ĝeneralni tat-12 ta' Frar 2014 — Oetker Nahrungsmittel vs UASI (La qualité est la meilleure des recettes)

(Kawża T-570/11) ⁽¹⁾

("Trade mark Komunitarja — Applikazzjoni għat-trade mark Komunitarja verbali La qualité est la meilleure des recettes — Trade mark ikkostitwita minn slogan ta' reklamar — Raġuni assoluta għal rifjut — Assenza ta' karattru distintiv — Artikolu 7(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009")

(2014/C 93/36)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

Partijiet

Rikorrenti: Dr. August Oetker Nahrungsmittel KG (Bielefeld, il-Ġermanja) (rappreżentanti: F. Graf von Stotsch, avukat)

Konvenut: L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (rappreżentanti: K. Klüpfel u A. Schifko, aġenti)

Suġġett

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tal-Bord Suprem tal-Appell tal-UASI, tat-8 ta' Lulju 2011 (Każ R 1798/2010-G), dwar applikazzjoni għal regiżtrazzjoni tas-sinjal verbali La qualité est la meilleure des recettes bħala trade mark Komunitaria.

Dispożittiv

- (1) Ir-rikors huwa miċħud.
- (2) Dr. August Oetker Nahrungsmittel KG hija kkundannata għall-ispejjeż.

⁽¹⁾ ĠU C 13, 14.01.2012.

Sentenza tal-Qorti Ĝeneralni tat-12 ta' Frar 2014 — Beco vs Il-Kummissjoni

(Kawża T-81/12) ⁽¹⁾

("Dumping — Importazzjonijiet ta' qfieli tal-azzar li ma jissaddadx li jorġinaw miċ-Ċina u mit-Tajwan — Talba għar-imbors tad-dazji miġbura — It-tieni subparagrafu tal-Artikolu 11(8) tar-Regolament (KE) Nru 1225/2009 — Ċertezza legali")

(2014/C 93/37)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

Partijiet

Rikorrenti: Beco Metallteile-Handels GmbH (Spaichingen, il-Ġermanja) (rappreżentant: T. Pfeiffer, aġent)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: H. van Vliet u T. Maxian Rusche, aġenti)

Suġġett

Annnullament tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2011) 9112 finali, tat-13 ta' Diċembru 2011, dwar talba għar-imbors ta' dazji antidumping imħallsa fuq importazzjonijiet ta' qfieli tal-azzar li ma jissaddadx li jorġinaw mir-Repubblika Popolari taċ-Ċina u mit-Tajwan.

Dispożittiv

- (1) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2011) 9112 finali, tat-13 ta' Diċembru 2011, dwar talba għar-imbors ta' dazji antidumping imħallsa fuq importazzjonijiet ta' qfieli tal-azzar li ma jissaddadx li jorġinaw mir-Repubblika Popolari taċ-Ċina u mit-Tajwan, hija annullata.
- (2) Il-Kummissjoni Ewropea hija kkundannata għall-ispejjeż.

⁽¹⁾ ĠU C 118, 21.04.2012.

Sentenza tal-Qorti Ĝeneralni tat-13 ta' Frar 2014 — Demon International vs UASI — Big Line (DEMON)

(Kawża T-380/12) ⁽¹⁾

("Trade mark Komunitarja — Proċedimenti għal dikjarazzjoni ta' invalidità — Trade mark Komunitarja figurattiva DEMON — Trade mark internazzjonali verbali preċedenti DEMON — Raġuni relativa għal rifjut — Probabbiltà ta' konfużjoni — Xebħ tal-prodotti — Xebħ tas-sinjal — Artikolu 8(1)(b) u Artikolu 53(1)(a) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009")

(2014/C 93/38)

Lingwa tal-kawża: it-Taljan

Partijiet

Rikorrenti: Demon International, LC (Orem, Utah, l-Istati Uniti) (rappreżentant: T. Krüger, avukat)

Konvenut: L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (rappreżentanti: inizjalment F. Mattina, sussegwentement L. Rampini, aġenti)

Parti oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell tal-UASI, intervenjenti quddiem il-Qorti Ĝeneralni: Big Line Sas di Graziani Lorenzo (Thiene, l-Italja) (rappreżentant: B. Osti, avukat)

Suġġett

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tar-Raba' Bord tal-Appell tal-UASI tal-20 ta' Ġunju 2012 (Każ R 1845/2011-4), dwar proċedimenti għal dikjarazzjoni ta' invalidità bejn Demon International LC u Big Line Sas di Graziani Lorenzo.